MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Numru. 665/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandro Camilleri)**

**vs**

**Leanne Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 665/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Leanne Camilleri, ta’ 20 sena, bint Emanuel u Liza nee’ Carabott, imwielda Pieta’, fis-7 ta’ Jannar, 1994, residenti numru 11, Migar, Flat 5, Triq it-Tempesta, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 35694(M).

Akkuzata talli fix-xhur ta’ qabel l-10 ta’ Settembru, 2004 f’dawn il-Gzejjer u/jew bejn l-10 ta’ Settembru, 2004 u t-22 ta’ Mejju, 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja ta’ Malta u/jew f’partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna u cioe’ lil Emanuel Camilleri, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li tkun akkuzatu;
2. U aktar talli tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata u cioe’ Emanuel Camilleri;
3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi tat xhieda falza f’materja civili;
4. U aktar talli halfet il-falz quddiem Imhallef, Magistrat u/jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha bl-ligi li jaghti l-gurament kien mehtieg mill-ligi jew ordnat b’sentenza u/jew b’digriet ta’ wahda mill-Qrati ta’ Malta;
5. U aktar talli bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan fil-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ’l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe’ Emanuel Camilleri, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;
6. U aktar talli iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-gustizzja u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat l-artikoli 18, 35, 37, 101, 104, 106, 108 u 110(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-28 ta' Lulju 2014 meta l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma nhar it-4 ta' Awissu 2014 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li s-sitt imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; f'dik l-istess udjenza l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni taghha fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet kollha hlif ghas-sitt wahda.

Semghet ix-xhieda tas-Senior Probation Officer Antonella Spagnol li giet nominata biex thejji *pre-sentencing report.*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz il- *pre-sentencing report.*

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jigi rilevat li ai termini tac-citazzjoni l-imputata giet akkuzata b'referenza ghal fatti li sehhew *"fix-xhur ta' qabel l-10 ta' Settembru, 2004 f'dawn il-Gzejjer u/jew bejn l-10 ta' Settembru, 2004 u t-22 ta' Mejju, 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u/jew f'partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer*".

Illi jirrizulta mic-certifikat tat-twelied esebiet in atti[1] li l-imputata twieldet fis-7 ta' Jannar 1994. Ladarba ai termini tac-citazzjoni l-imputata qed tigi akkuzata b'reati in konnessjoni ma' fatti li sehhew *"fix-xhur ta' qabel l-10 ta' Settembru, 2004 ... u/jew bejn l-10 ta' Settembru, 2004 u t-22 ta' Mejju, 2014"* huwa car li l-imputata qed tigi addebietata b'reati li sehhew minn meta hija kien ghad kellha kellha disgha' ghaxar (10) snin.

Illi l-artikolu 35 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*l-minuri ta' taħt l-erbatax-il sena huma eżenti minn responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas*".

Illi l-imputata ghalqet erbatax il-sena fis-7 ta' Jannar 2008. Konsegwentement ai termini ta' dan l-artikolu 35 hija ezenti minn kull responsabbilta kriminali ghal kwalunkwe att minnha mwettaq qabel is-7 ta' Jannar 2008. Dan ifisser li l-agir taghha, hu x'inhu, qabel s-7 ta' Jannar 2008 mhux prosegwibbli. In oltre ghandu jigi rilevat ukoll li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku b'mod li, minkejja l-ammissjoni taghha, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' imputazzjonijiet li jirreferu ghal reati

[1] Ref Dok SC1 a fol 5 tal-process.

kommessi mill-imputata qabel is-7 ta' Jannar 2008 cioe qabel ma hi ghalqet erbatax il-sena.

Ikkunisdrat

Illi mill-atti jirrizulta[2] li l-ewwel allegazzjonijiet dwar abbuz da parti ta' Emanuel Camilleri fuq bintu Leanne saru lill-pulizija mill-Agenzija Appogg f'Dicembru tas-sena 2003; dawn l-allegazzjonijiet gew immedjatament investigati. Fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet l-ufficjal investigattiv kellmet lill-Leanne Camilleri darbtejn[3], meta hija kien ghad kellha ghaxar snin; Camilleri sostniet l-allegazjonijiet dwar l-abbuz tul l-investigazzjoni. Xi xhur wara (fis-sena 2004) inbdew il-proceduri penali kontra Emanuel Camilleri[4]. Mill-atti processwali jirrizulta ukoll li tul il-proceduri penali kontra missierha Leanne Camilleri xehdet diversi drabi u baqghet issostni l-istess verzjoni. Dik il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Settembru 2011 u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013. Xi zmien wara (dejjem fis-sena 2013) Emanuel Camilleri ntavola proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kors ta' liema Leanne Camilleri xehdet u baqghet issostni l-allegazzjonijiet dwar abbuz perpetrat minn missierha u anke cahdet li hija qatt qalet lil xi persuni[5] li ma kienx minnu li missierha kien abbuzaha. Eventwalment (fuq kwerela ta' Emanuel Camilleri) inzammet Inkjesta Magisterjali u Leanne Camilleri xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti ukoll. L-ewwel darba li xehdet baqghet issostni l-allegazzjonijiet dwar abbuz perpetrat minn missierha u kompliet tinsisti li hija qatt ma qalet lil terzi persuni li dawn l-allegazzjonijiet kienu inveritjieri; eventwalment hija regghet xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti u qalet li ma kienx minnu li missierha kien

[2] Ref depozizzjoni ta'l-Ispettur Louise Calleja (a fol 27 tal-process) mghotija quddiem l-Magistrat Inkwirenti waqt l-Inkjesta minnha mizmuma.
[3] Ref l-istess depozizzjoni ta'l-Ispettur Louise Calleja.
[4] Ghandu jigi rilevat li ma jirrizultax bi precizzjoni d-data ta' meta Emanuel Camilleri tressaq quddiem il-Qorti b'l-akkuzi dawr l-abbuz fuq bintu pero jirrizulta (minn risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 31 et seq tal-process) li r-referenza tal-kumpilazzjoni kienet 599/2004.
[5] Kollha identifikati.

abbuzaha sesswalment u li kull darba li hija kienet xehdet il-Qorti f'dan ir-rigward kienet gidbet.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta' l-ewwel u tal-hames imputazzjonijiet migjuba kontra taghha l-imputata giet addebietata bir-reati kontemplat f'l-artikolu 101 u 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe iz-zewg forom ta' kalunja. U permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputata giet abbedietata bir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe s-simulazzjoni ta' reat.

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct,* ***such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority****, in the case of... indirect form of calumnous accusation* ***the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority****.*[6]

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) l-Professur Mamo jkompli hekk:

> *This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation*

[6] Ref  Notes on Criminal Law Vol II pagna 58.

*against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged …. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and* ***the crime is completed by the presentation of such information report or complaint***[7]*, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.*[8]

Illi f'dan is-sens jghallem ukoll il-gurista Antolisei. Dwar il-kalunja jghid li:

*Il delitto si consuma nel momento in cui la notizia del presunto reato viene a conoscienza dell'Autorita. Nel caso della calunnia indiretta si ravvisa da taluno il momento consumattivo nell'istante in cui si sono simulate le tracce, ma una plauusibile ragione di tale diversita non sussiste, ove si consideri che, incriminando la calunnia, il legislatore mira in primo lugo a tutelare un interesse dell'Amminstrazione della Giustiza*.[9]

Illi l-istess awtur jghid hekk fir-rigward ta' simulazzjoni ta' reat:

*Il delitto si consuma  nel momento e nel luogo in cui e' stata ricevuta dall'Awtorita giudiziaria o da altra Autorita con obbligo*

[7] Is-sottoliinear huwa kollu ta'din il-Qorti.
[8] Op cit pagna 59 et seq.
[9] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagna 470.

*di rapporto la falza denunzia o le simulate tracce sono state scoperte dall' Autorita stessa*.[10]

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament, applikat ghal kaz in ezami, huwa car li r-reati kontemplati f'l-imputazzjonijiet issa in ezami gew ikkunsmati fil-mument li saret id-denunzja lill-Awtoritajiet Kompetenti (l-ewwel lill-Agenzija Appogg u mbaghad lill-Pulizija) u fil-mument li l-istess Awtoritajiet Kompetenti saru jafu bit-tracci tar-reati.

Illi huwa car mill-atti li d-denunzja fil-konfront ta' Emanuel Camilleri saret lill-Awtoritajiet Kompetenti f'Dicembru 2003 u li kien f'l-istess perjodu[11] meta l-istess awtoritajiet saru jafu bi kwalunkwe tracci ta'l-allegati reati kommessi minn Emanuel Camilleri. Dan ifisser li r-reati addebietati lill-imputata permezz ta' l-ewwel, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet gew ikkunsmati meta l-imputata kien ghad kellha disgha jew ghaxar snin. Ghal hekk, u tenut kont dak li jipprovdi l-artikolu 35 tal-Kapitolu 9 fuq kwotat, l-imputata hi ezenti minn kull responsabbilta kriminali fir-rigward u konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet[12].

Ikkunisdrat

[10] Op cit pagna 462.

[11] L-aktar tard kien fil-bidu tas-sena 2004 sa kemm kienu qed jiehdu l-kors taghhom l-investigazzjonijiet tal-pulizija qabel ma nbdew il-proceduri penali kontra Emanuel Camilleri.

[12] F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li s-sitt imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Huwa car li din id-dikjarazzjoni saret (wara l-ewwel ammissjoni ta'l-imputata) ghaliex kull denunzja li saret mill-imputata kienet kontra persuna specifika, cioe missierha Emanuel Camilleri. Huwa principju ben stabbilit li meta denunzja ssir fil-konfront ta' persuna specifika ma jistawx jissussistu r-reati kontemplati f'l-artikolu 110(2) imma r-reati kontemplati f'l-artikoli 101 u/jew 110(1), cioe il-kalunja diretta jew indiretta. Dan il-principju huwa ribadiet fil-bran kwotata aktar 'l fuq min-noti tal-Professur Mamo. Tenut kont li l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjrui tas-sitt imputazzjoni b'applikazzjoni ta' l-artikolu 35 tal-Kapitolu 9, id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur, maghmula wara l-ammissjoni ta'l-imputata ta' l-ewwel imputazzjoni, issa giet reza irrelevanti u m'ghandu jkollha l-ebda effett.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata tirreferi ghax-xhieda li tat l-istess imputata fil-proceduri penali kontra missierha Emanuel Camilleri.

Illi kif diga ntqal Leanne Camilleri ghalqet l-erbatax il-sena fis-7 ta’ Jannar 2008 fil-waqt li l-proceduri penali, li fihom l-imputata ddeponiet diversi drabi, bdew fis-sena 2004 (meta l-imputata kien ghad kellha ghaxar snin) u nghatat l-ewwel sentenza mill-Qorti tal-Magistrati f’Settembru 2011 (meta l-imputata kellha sbatax il-sena). Konsegwentement l-ammissjoni ta’l-imputata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tista’ tigi accettata in kwantu tirreferi ghal fatti li graw, ossia depozizjonijiet li tat quddiem il-Qorti Kriminali, mis-7 ta’ Jannar 2008. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjon in kwantu tireferi ghal fatti li sehhew qabel is-7 ta’ Jannar 2008.

It-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata jirreferu ghax-xhieda li tat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dawn il-proceduri bdew wara li l-imputata ghalqet erbatax il-sena ghalhekk il-Qorti tista’ taccetta l-ammissjoni ta’l-imputata minghajr rizervi.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni; bla dubbju l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-ammissjoni taghha f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghha.

Illi hemm fattur iehor li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni u cioe c-cirkostanzi li wasslu lill-imputata biex ghamlet dak li ghamlet. Fil-verita l-imputata hija vittma ukoll: vittma tas-separazzjoni akrimonjuza bejn il-genituri taghha, vittma tac-cirkostanzi pietuzi li sabet ruhha fihom wara din is-separazzjoni, vittma ukoll tat-tip ta’ trobbija li nghatat minn certi familjari taghha min-naha. Dawn ic-cirkostanzi kollha wasslu biex ta’ eta tenera l-imputata dahlet f’cirku vizjuz li ma kenix facli ghaliha tohrog minnu.

Illi llum pero jidher li l-imputata hija lesta li taghlaq dan il-kapitolu ta’ hajjietha, terfa’ r-responsabbilta ta’ ghemilha, u timxi ‘l quddiem. L-imputata hija konsapevoli li biex hija tkun tista taghmel dan b’mod effettiv ghandha bzonn l-ghajnuna ta’ nies professjonisti; hija fil-fatt diga fixxet u bdiet tiehu l-ghajnuna ta’ dawn in-nies. In oltre minkejja d-diffikoltajiet kollha li giet rinfaccjata bihom fit-tfulitha u waqt it-trobbija taghha l-imputata rnexxielha ssib impieg b’mod li hija tista’ tmanti lilha nnifisha.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li piena karcerarja mhiex idonea, ghaliex permez ta’ tali sentenza tkun qed tistultifika l-progress kollu li lahqet ghamlet l-imputata fit-triq tar-riabilitazzjoni taghha. Il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li ghandha tilqa s-suggerimenti ta’l-uffijcal tal-probation u tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ probation b’ordni ta’ servizz fil-komunita. B’dan il-mod jigi assigurat li l-imputata tkompli tiehu l-ghajnuna li ghandha bzonn u dan taht s-supervizzjoni indiretta tal-Qorti tramite l-uffijcal tal-probation u f’l-istess hin tkun qed trodd xi haga lura lis-socjeta in generali permezz tax-xoghol li jigi assenjat lilha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-fatti li graw qabel is-7 ta’ Jannar 2008, tal-hames imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 104, 106 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni in kwant tirreferi ghal fatti li sehhew mis-7 ta’ Jannar 2008, tat-tielet imputazzzjoni u tar-raba imputazzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ probation u servizz ghal perjodu ta’tlett (3) snin b’obbligu li taghmel mitt (100) siegha servizz fil-kommunita, dan bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tapplika l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputata sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta’ ghaxar snin. Peress li ma jirrizultax li gew nominati esperti u/jew periti fil-kors ta’l-inkjesta mizmuma, u lanqas ma gew nominati esperti u/jew periti fil-kors tal-proceduri odjerni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal kundanna ghall-hlas ta’ spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jgri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

**DR DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------